IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.2.2021
COM(2021) 63 final

2021/0033 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fir-raba' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju b'rabta mal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet li jemendaw l-Annessi A u B ta' dik il-Konvenzjoni dwar il-prodotti miżjudin bil-merkurju u l-proċessi tal-manifattura li fihom jintużaw il-merkurju jew il-komposti tal-merkurju, skont l-Artikolu 4, paragrafu 8 u l-Artikolu 5, paragrafu 10 ta' dik il-Konvenzjoni

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni waqt ir-raba' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju ("il-Ftehim") b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' Deċiżjonijiet li jemendaw l-Annessi A u B ta' dik il-Konvenzjoni. Dawn l-annessi jistabbilixxu listi ta' prodotti miżjudin bil-merkurju u ta' proċessi ta' manifattura li jużaw il-merkurju jew l-komposti tal-merkurju ("proċessi tal-merkurju"), soġġetti jew għal dati ta' eliminazzjoni gradwali jew għal dispożizzjonijiet li jirregolaw l-użu tal-merkurju[1].

2. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju ("il-Ftehim")

Il-Ftehim huwa l-qafas legali internazzjonali ewlieni maħsub biex jipproteġi s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent mill-emissjonijiet antropoġeniċi u mir-rilaxxi tal-merkurju u tal-komposti tal-merkurju fl-arja, fl-ilma u fuq l-art. Huwa jindirizza ċ-ċiklu sħiħ tal-ħajja tal-merkurju mill-estrazzjoni minerarja primarja tal-merkurju sar-rimi tal-iskart tal-merkurju.

Daħal fis-seħħ fis-16 ta' Awwissu 2017.

L-Unjoni Ewropea ("l-Unjoni") hija parti għall-Ftehim[2], bħalma huma ħafna mill-Istati Membri[3].

Skont l-Artikolu 4, paragrafu 1 tal-Ftehim, il-prodotti miżjudin bil-merkurju elenkati fil-Parti I tal-Anness A (eż. ċerti lampi fluworexxenti kompatti) ma jistgħux jibqgħu jiġu mmanifatturati, importati u esportati wara d-dati ta' eliminazzjoni gradwali speċifikati fih.

Skont l-Artikolu 4, paragrafu 3, il-Partijiet għandhom jieħdu miżuri biex jirregolaw l-użu tal-merkurju fir-rigward tal-prodotti miżjudin bil-merkurju elenkati fil-Parti II tal-Anness A.

Skont l-Artikolu 5, paragrafu 2, il-proċessi tal-merkurju elenkati fil-Parti I tal-Anness B (eż. il-produzzjoni tal-kloroalkali) iridu jieqfu jużaw il-merkurju jew il-komposti tal-merkurju sad-dati ta' eliminazzjoni gradwali stabbiliti fih.

Bis-saħħa tal-Artikolu 5, paragrafu 3, il-Partijiet għandhom jieħdu miżuri biex jirregolaw l-użu tal-merkurju fil-proċessi tal-merkurju elenkati fil-Parti II tal-Anness B, inkluż f'termini ta' konverżjoni għal proċessi mingħajr merkurju, meta jkun ekonomikament u teknikament fattibbli.

Skont l-Artikolu 4, paragrafi 4, 7, 8, u l-Artikolu 5, paragrafi 5, 9, 10, l-Annessi A u B għandhom jiġu rieżaminati sas-16 ta' Awwissu 2022, filwaqt li jitqiesu l-proposti ta' emenda

---

[1] Għall-finijiet ta' dan id-dokument, l-espressjoni "regolamentazzjoni tal-użu tal-merkurju" tkopri, ġenerikament, rekwiżiti bħal dawk stabbiliti fil-Partijiet II tal-Annessi A u B tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/939 tal-11 ta' Mejju 2017 dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju (ĠU L 142, 2.6.2017, p. 4).

[3] Fis-16 ta' Novembru 2020, erbgħa u għoxrin Stat Membru kienu rratifikaw il-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju, jiġifieri l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja u l-Iżvezja.

tal-Partijiet[4] u l-informazzjoni trażmessa dwar prodotti miżjudin bil-merkurju u alternattivi tekniċi u ekonomiċi mingħajr merkurju disponibbli, filwaqt li jitqiesu r-riskji u l-benefiċċji ambjentali u għas-saħħa tal-bniedem.

L-Artikoli 26 u 27 jistabbilixxu r-regoli bażiċi dwar, fost l-oħrajn, is-sottomissjoni mill-Partijiet ta' proposti għall-emendar tal-Annessi għall-Ftehim, kif ukoll għall-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tal-Annessi emendati. Il-proposti għall-emendar tal-Annessi jridu jiġu kkomunikati lill-Partijiet kollha mis-Segretarjat tal-Ftehim mill-inqas sitt xhur qabel il-Konferenza tal-Partijiet għall-Ftehim ("COP") li fiha jiġu proposti għall-adozzjoni, jiġifieri f'dan il-każ mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2021. L-Annessi emendati proposti jiġu adottati skont ir-regoli tal-votazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 26, il-paragrafu 3, u fid-Deċiżjoni MC-1/1 dwar ir-Regoli ta' Proċedura adottati mill-COP fl-ewwel laqgħa tagħha (24-29 ta' Settembru 2017)[5].

L-emenda ta' Anness tidħol fis-seħħ għall-Partijiet kollha sena wara li d-Depożitarju tal-Ftehim jikkomunika l-adozzjoni tagħha, ħlief għal dawk il-Partijiet li jkunu għamlu dikjarazzjoni rilevanti skont l-Artikolu 30, paragrafu 5. Peress li l-Unjoni ma għamlitx tali dikjarazzjoni, ir-regola ġenerali dwar id-dħul fis-seħħ ta' Annessi emendati jew ġodda tapplika għaliha.

2.2. Il-Konferenza tal-Partijiet ("COP")

Il-COP twettaq il-funzjonijiet assenjati lilha mill-Ftehim. Għal dak il-għan, hija għandha tikkunsidra u twettaq, *inter alia*, kwalunkwe azzjoni li tista' tkun meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi tal-Ftehim, inkluż l-adozzjoni ta' linji gwida rilevanti.

Skont l-Artikolu 28 tal-Ftehim u d-Deċiżjoni MC-1/1 imsemmija hawn fuq, kull Parti għandha vot wieħed. Madankollu, l-Unjoni, bħala organizzazzjoni ta' integrazzjoni reġjonali ekonomika, teżerċita d-dritt tagħha li tivvota, dwar materji fil-kompetenza tagħha, b'numru ta' voti ugwali għan-numru tal-Istati Membri tagħha li huma partijiet għall-Ftehim. L-Unjoni ma għandhiex teżerċita d-dritt għall-vot tagħha jekk xi Stat Membru tagħha jeżerċita d-dritt għall-vot tiegħu, u viċe versa.

2.3. L-atti previsti tal-Konferenza tal-Partijiet

Il-COP, waqt it-tielet laqgħa tagħha (25-29 ta' Novembru 2019), adottat id-Deċiżjoni MC-3/1[6] li tistabbilixxi grupp *ad hoc* ta' esperti tekniċi biex jipproċedu bid-diskussjonijiet dwar il-prodotti miżjudin bil-merkurju u l-proċessi tal-merkurju matul il-perjodu intersessjonali qabel ir-raba' laqgħa tagħha ("COP4"). Il-mandat ta' dan il-grupp appella b'mod partikolari għat-titjib u għall-organizzazzjoni tal-informazzjoni ppreżentata mill-Partijiet skont l-Artikolu 4, paragrafi 4 u 7, u l-Artikolu 5, paragrafi 4 u 9, tal-Ftehim, dwar id-disponibbiltà, il-fattibbiltà teknika u ekonomika, ir-riskji ambjentali u għas-saħħa u l-benefiċċji ta' alternattivi mingħajr merkurju għal tali prodotti u proċessi.

Fid-dawl tal-eżitu tal-ħidma esperta, il-COP4 hija mistennija tadotta deċiżjoni waħda jew aktar dwar din il-kwistjoni (l-atti previsti).

---

[4] Għall-finijiet ta' dan id-dokument, "Partijiet" tfisser il-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Merkurju.

[5] Id-Deċiżjoni MC-1/1 *Regoli ta' proċedura*, UNEP/MC/COP1/Diċ. 1, disponibbli minn: http://www.mercuryconvention.org/Meetings/COP1/Decisions/tabid/8648/language/en-US/Default.aspx

[6] Id-Deċiżjoni MC-3/1 *Rieżami tal-annessi A u B*, UNEP/MC/COP3/Diċ. 1, disponibbli minn: http://www.mercuryconvention.org/Meetings/COP3/Decisions/tabid/8654/language/en-US/Default.aspx

L-atti previsti se jemendaw l-Anness A tal-Ftehim billi jikkomplementawh bi prodotti miżjudin bil-merkurju addizzjonali li għalihom hemm disponibbli alternattivi mingħajr merkurju ekonomikament u teknikament fattibbli li huma ta' benefiċċju għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent u li se jkunu soġġetti għal projbizzjoni tal-manifattura, tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni f'dati ta' eliminazzjoni gradwali speċifikati jew għal miżuri li jirregolaw l-użu tal-merkurju.

L-atti previsti se jemendaw ukoll l-Anness B tal-Ftehim billi jikkomplementaw il-Parti I tiegħu mal-proċessi tal-merkurju li għalihom hemm disponibbli alternattivi mingħajr merkurju ekonomikament u teknikament fattibbli li huma ta' benefiċċju għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent u li għalhekk se jwaqqfu l-użu tal-merkurju sad-data tal-eliminazzjoni gradwali speċifikata.

L-atti previsti se jemendaw il-Parti II tal-Anness B tal-Ftehim billi jsaħħu d-dispożizzjonijiet tiegħu li jirregolaw l-użu tal-merkurju għall-monomer tal-klorur tal-vinil (VCM), il-produzzjoni tas-sodju u tal-metilat tal-potassju jew tal-etilat (alkoħolati) u l-produzzjoni tal-poliuretan u/jew billi jżidu proċessi oħra tal-merkurju b'rekwiżiti tal-użu tal-merkurju assoċjati.

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

L-objettiv tal-Unjoni huwa li sseħħ eliminazzjoni gradwali tal-merkurju fil-livell tal-Unjoni u f'dak globali, malajr u kompletament kemm jista' jkun, fejn jeżistu alternattivi vijabbli.[7] Il-kisba ta' dan l-objettiv teħtieġ b'mod partikolari l-eliminazzjoni gradwali ta' prodotti miżjudin bil-merkurju u l-konverżjoni tal-proċessi tal-merkurju għal proċessi mhux tal-merkurju, meta dan ikunu vijabbli, teknikament fattibbli u ta' benefiċċju għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent.

Il-progress fil-livell globali lejn dan l-objettiv jikkontribwixxi għall-ambizzjoni ta' Tniġġis Żero għal ambjent ħieles mis-sustanzi tossiċi stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew[8]. Dan ikun ukoll ta' kontribut għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà tal-2020[9] li fiha l-Kummissjoni Ewropea impenjat ruħha li żżomm rwol ewlieni fil-livell internazzjonali fir-rigward tal-ġestjoni tajba tas-sustanzi kimiċi, inkluż billi tippromwovi l-istandards tal-UE globalment.

Rieżami tal-Anness A tal-Ftehim li jistabbilixxi l-lista ta' prodotti miżjudin bil-merkurju soġġetti għal projbizzjoni tal-manifattura, l-importazzjoni u l-esportazzjoni jew għal rekwiżiti dwar l-użu tal-merkurju.

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni hija bbażata fuq l-elementi li ġejjin:

---

7 Ara l-Konklużjonijiet tal-Kunsill "Reviżjoni tal-Istrateġija Komunitarja dwar il-Merkurju", 14 ta' Marzu 2011

8 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11.12.219, *Il-Patt Ekoloġiku Ewropew*, COM(2019) 640 final.

9 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "*Strateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà Lejn Ambjent Ħieles mit-Tossiċità*" (COM(2020) 667 final, tal-14.10.2020.

L-Anness II tar-Regolament (UE) 2017/852 dwar il-Merkurju ("ir-Regolament dwar il-Merkurju")[10], li ttraspona l-Anness A (Parti I) tal-Ftehim, għandu kamp ta' applikazzjoni usa' mill-Ftehim, peress li jkopri aktar prodotti miżjudin bil-merkurju (eż. batteriji ċellula buttuna).

Is-sottomissjoni tal-Unjoni (Marzu 2020), mibgħuta skont id-Deċiżjoni MC-3/1[11], tidentifika għadd ta' prodotti oħrajn miżjudin bil-merkurju li għalihom hemm disponibbli alternattivi mingħajr merkurju fattibbli u ta' benefiċċju, inklużi prodotti li diġà huma pprojbiti milli jitqiegħdu fis-suq intern u jiġu importati[12/13], eż. skont id-Direttiva 2011/65/UE ("RoHS")[14] u r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 ("REACH")[15], iżda li għadhom mhumiex soġġetti għal projbizzjoni fuq il-manifattura u l-esportazzjoni.

Għaldaqstant, ir-rieżami fil-livell globali tal-Anness A tipprovdi diversi opportunitajiet biex jittejbu l-kundizzjonijiet ekwi madwar id-dinja u biex jitnaqqas aktar l-użu tal-merkurju u t-tniġġis assoċjat:

(1) Biex jitnaqqas id-distakk bejn id-dritt eżistenti u aktar avvanzat tal-Unjoni, u l-Ftehim billi jiżdiedu, mal-Parti I tal-Anness A tiegħu, prodotti li huma diġà elenkati fl-Anness II tar-Regolament tal-Unjoni dwar il-Merkurju.

(2) Biex fil-Parti I tal-Anness A tal-Ftehim jiżdiedu prodotti li għadhom mhumiex soġġetti għal projbizzjoni fuq il-manifattura u l-esportazzjoni skont ir-Regolament tal-Unjoni dwar il-Merkurju iżda li madankollu jew ma għadhomx permessi jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni jew huma soġġetti għal żviluppi leġiżlattivi kontinwi mmirati biex tkun stabbilita projbizzjoni simili fil-livell tal-Unjoni. Jekk il-Partijiet jagħżlu li jżidu prodott wieħed jew aktar fil-Parti II tal-Anness A tal-Ftehim, jiġifieri mingħajr dati speċifikati għall-eliminazzjoni gradwali tagħhom, l-Unjoni xorta waħda tqis tali għażla ta' politika bħala opportunità biex jitnaqqas id-distakk bejn il-Ftehim u d-dritt tal-Unjoni, sakemm jiġu stabbiliti miżuri ċari li jirregolaw il-merkurju għal tali prodotti.

---

10 Ir-Regolament (UE) 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar il-Merkurju, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1102/2008 (ĠU L 137, 24.05.2017, p. 1).

11 *Sottomissjoni mill-UE dwar il-prodotti miżjudin bil-merkurju u l-proċessi tal-manifattura li jużaw il-merkurju jew il-komposti tal-merkurju* (Marzu 2020), disponibbli minn: http://www.mercuryconvention.org/Portals/11/documents/meetings/COP4/submissions/EU_AnnexAB.pdf

12 Il-kunċett ta' "tqegħid fis-suq intern" jinkludi "importazzjoni" skont il-leġiżlazzjoni tal-UE li tirregola t-tqegħid fis-suq ta' prodotti miżjudin bil-merkurju.

13 Il-lista sħiħa tal-liġi rilevanti tal-UE hija disponibbli fil-Valutazzjoni tal-Impatt tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni *"Ratifika u Implimentazzjoni mill-UE tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju li takkumpanja d-dokument ta' Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-merkurju, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1102/2008"* (SWD/2016/017 final, tat-2.2.2016).

14 Id-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikoluży fit-tagħmir elettriku u elettroniku (ĠU L 174, 01.07.2011, p. 88).

15 Ir-Regolament Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396 30.12.2006, p. 1).

Jekk dawn iż-żidiet jiġu maqbula bejn il-Partijiet fil-COP4 u jiġu appoġġati mill-Unjoni, il-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament dwar il-Merkurju, tadotta Att Delegat bil-għan li tallinja l-Anness II tar-Regolament mal-Anness A emendat tal-Ftehim.

Għalhekk, il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-COP4 għandha tikkonsisti fl-appoġġ tal-adozzjoni ta' atti mmirati biex jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tal-Anness A tal-Ftehim għall-prodotti miżjudin bil-merkurju li diġà huma pprojbiti milli jiġu mmanifatturati u nnegozjati skont l-Anness II tar-Regolament tal-Unjoni dwar il-Merkurju, jew li diġà huma pprojbiti milli jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni, jew huma soġġetti għal żviluppi leġiżlattivi kontinwi mmirati biex tkun stabbilita projbizzjoni simili fil-livell tal-Unjoni, u li jistgħu jiġu sostitwiti b'alternattivi mingħajr merkurju li wrew li huma ekonomikament u teknikament fattibbli kif ukoll ta' benefiċċju mill-perspettiva ambjentali u tas-saħħa tal-bniedem.

Rieżami tal-Anness B tal-Ftehim li jistabbilixxi l-lista ta' proċessi tal-merkurju soġġetti għal data ta' "eliminazzjoni gradwali" jew għal rekwiżiti dwar l-użu tal-merkurju.

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni hija bbażata fuq l-elementi li ġejjin:

Id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikolu 7, paragrafi 1 u 3, u l-Anness III tar-Regolament dwar il-Merkurju, ittraspona l-Artikolu 5, paragrafi 2 u 3, u l-Anness B tal-Ftehim, b'mod aktar strett.

L-ewwel nett, filwaqt li l-Anness B tal-Ftehim ikopri ħames proċessi speċifiċi tal-merkurju (il-produzzjoni tal-kloroalkali, tal-aċetaldeid, tal-VCM, tal-alkoħolati u tal-poliuretan), l-Anness III tar-Regolament dwar il-Merkurju fih dispożizzjoni li tipprojbixxi, f'dati speċifikati ta' eliminazzjoni gradwali, l-użu tal-merkurju jew komposti tal-merkurju fil-proċessi kollha tal-manifattura fl-Unjoni, jiġifieri meta jintuża bħala katalizzatur (l-1 ta' Jannar 2018) jew bħala elettrodu (l-1 ta' Jannar 2022). Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-projbizzjoni huwa miftuħ skont id-dritt tal-Unjoni.

It-tieni, għalkemm l-Anness III tar-Regolament dwar il-Merkurju jistabbilixxi diversi dati ta' eliminazzjoni gradwali ta' deroga għall-produzzjoni tal-VCM, tal-alkoħolati u tal-poliuretan, dawk id-dispożizzjonijiet huma aktar stretti meta mqabbla mal-Anness B tal-Ftehim: fil-fatt, ir-Regolament dwar il-Merkurju jipprojbixxi l-użu tal-merkurju bħala *elettrodu għall-produzzjoni tal-kloralkali* mill-11 ta' Diċembru 2017, filwaqt li l-Ftehim jistabbilixxi l-2025 bħala data ta' eliminazzjoni gradwali. Barra minn hekk, billi r-Regolament dwar il-Merkurju jipprojbixxi l-użu tal-merkurju bħala *katalizzatur għall-produzzjoni tal-poliuretan* mill-1 ta' Jannar 2018, għall-*produzzjoni tal-VCM* mill-1 ta' Jannar 2022 u bħala *elettrodu għall-produzzjoni tal-alkoħolat* mill-1 ta' Jannar 2028, il-Ftehim jistabbilixxi biss restrizzjoni fuq l-użu tal-merkurju u jispeċifika li l-Partijiet jew "jimmiraw li" gradwalment ineħħu dan l-użu sas-16 ta' Awwissu 2027 (poliuretan) jew ineħħu tali użu b'mod gradwali ħames snin wara li l-COP tkun iddeterminat li alternattivi mingħajr merkurju saru teknikament u ekonomikament fattibbli (VCM u alkoħolati). Ir-Regolament dwar il-Merkurju jispeċifika li l-kapaċitajiet tal-produzzjoni eżistenti tal-alkoħolati bil-merkurju użat bħala elettrodi ma għandhomx jiżdiedu qabel id-data ta' eliminazzjoni gradwali (l-1 ta' Jannar 2028), filwaqt li l-Ftehim ma jipprevedi l-ebda obbligu ta' sospensjoni bħal dan għal kwalunkwe wieħed mit-tliet proċessi tal-merkurju (VCM, poliuretan u alkoħolati) u lanqas data ta' eliminazzjoni gradwali vinkolanti.

Bħar-rieżami tal-Anness A tal-Ftehim, ir-reviżjoni tal-Anness B tipprovdi diversi opportunitajiet biex jittejbu l-kundizzjonijiet ekwi madwar id-dinja u jitnaqqas l-użu industrijali tal-merkurju:

(1) Biex jitnaqqas id-distakk bejn id-dritt tal-Unjoni eżistenti u aktar avvanzat u l-Ftehim billi jiżdiedu, mal-Anness B tal-Ftehim, dati ta' eliminazzjoni gradwali għall-produzzjoni tal-VCM, l-alkoħolati u l-poliuretan bl-użu tal-merkurju, b'konsistenza mal-*acquis* tal-Unjoni u billi jitqiesu proċessi alternattivi eżistenti mingħajr merkurju teknikament u ekonomikament fattibbli, kif irrapportat fis-sottomissjoni tal-Unjoni ta' Marzu 2020 skont id-Deċiżjoni MC-3/1.

(2) Biex tiġi introdotta, fl-Anness B tal-Ftehim, dispożizzjoni ġenerali li tkopri l-proċessi tal-merkurju eżistenti kollha flimkien ma' dati ta' eliminazzjoni gradwali.

(3) Biex tiġi introdotta, fl-Anness B tal-Ftehim, dispożizzjoni li tipprojbixxi kwalunkwe żieda fil-kapaċitajiet tal-produzzjoni tal-proċessi tal-merkurju sad-dati ta' eliminazzjoni gradwali li għandhom jiġu stabbiliti mill-Partijiet.

Għalhekk, il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-COP4 għandha tikkonsisti fl-appoġġ tal-adozzjoni ta' atti mmirati għall-introduzzjoni ta' data ta' eliminazzjoni gradwali għall-proċessi kollha tal-merkurju u biex jissaħħu d-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-użu tal-merkurju billi jżidu, b'mod partikolari, id-dmir li ma jiżdidux il-kapaċitajiet tal-produzzjoni sad-data tal-eliminazzjoni gradwali rilevanti.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jirregola deċiżjonijiet li jistabbilixxu "*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim*."

Il-kunċett ta' "*atti li jkollhom effetti ġuridiċi*" jinkludi l-atti li għandhom effetti ġuridiċi skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola s-sede inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-Unjoni*"[16].

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

Il-COP hija korp stabbilit bi ftehim, jiġifieri l-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju.

L-atti li l-COP hija mitluba tadotta jikkostitwixxu att li għandu effetti legali, minħabba li l-Partijiet għall-Ftehim ikollhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati u mħarsa.

L-atti previsti la jissupplimentaw u lanqas jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

[16] Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwarhom tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun imsejsa fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik rikjesta mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-atti previsti huma relatati mal-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 192(1) tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 192(1) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

2021/0033 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fir-raba' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju b'rabta mal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet li jemendaw l-Annessi A u B ta' dik il-Konvenzjoni dwar il-prodotti miżjudin bil-merkurju u l-proċessi tal-manifattura li fihom jintużaw il-merkurju jew il-komposti tal-merkurju, skont l-Artikolu 4, paragrafu 8 u l-Artikolu 5, paragrafu 10 ta' dik il-Konvenzjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju[17] ("il-Ftehim") ġiet konkluża mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/939[18] u daħlet fis-seħħ fis-16 ta' Awwissu 2017.

(2) Skont id-Deċiżjoni MC-1/1 dwar ir-Regoli ta' Proċedura adottati mill-Konferenza tal-Partijiet tal-Ftehim fl-ewwel laqgħa tagħha, il-Partijiet għandhom jagħmlu kull sforz biex jilħqu ftehim b'kunsens dwar il-materji kollha ta' sustanza.

(3) Il-Konferenza tal-Partijiet għall-Ftehim, matul ir-raba' laqgħa tagħha mill-1 sal-5 ta' Novembru 2021, hija mistennija tadotta deċiżjoni waħda jew aktar ("id-Deċiżjonijiet proposti") li temenda l-Anness A tal-Ftehim li fih il-lista ta' prodotti miżjudin bil-merkurju li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq il-manifattura, l-importazzjoni u l-esportazzjoni f'data speċifikata jew għal miżuri li jirregolaw il-merkurju, u/jew l-Anness B tal-Ftehim li fih lista ta' proċessi tal-manifattura li jużaw il-merkurju jew komposti tal-merkurju ("proċessi tal-merkurju") soġġetti għal obbligu li jitwaqqaf l-użu tal-merkurju f'data speċifika jew għal rekwiżiti li jirregolaw il-merkurju.

(4) Id-Deċiżjonijiet proposti jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tal-Anness A tal-Ftehim għal aktar prodotti miżjudin bil-merkurju bid-dati ta' eliminazzjoni gradwali assoċjati jew bil-miżuri li jirregolaw il-merkurju.

(5) L-Anness II tar-Regolament (UE) 2017/852[19] li jittrasponi l-Anness A tal-Ftehim fid-dritt tal-Unjoni diġà jkopri aktar prodotti miżjudin bil-merkurju u prodotti oħrajn

---

[17] Kopja ċċertifikata tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju hija disponibbli minn: https://treaties.un.org/doc/Treaties/2013/10/20131010%2011-16%20AM/CTC-XXVII-17.pdf

[18] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/939 tal-11 ta' Mejju 2017 dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju (ĠU L 142, 2.6.2017, p. 4).

[19] Ir-Regolament (UE) 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar il-Merkurju, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1102/2008 (ĠU L 137, 24.05.2017, p. 1).

miżjudin bil-merkurju li huma soġġetti jew għal projbizzjoni fuq it-tqegħid fis-suq intern skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew għal żviluppi leġiżlattivi kontinwi fil-livell tal-Unjoni bil-għan li jilħqu tali projbizzjoni.

(6) Id-Deċiżjonijiet proposti jwessgħu l-kamp ta' applikazzjoni tal-Anness B tal-Ftehim billi jintroduċu dati ta' eliminazzjoni gradwali għall-proċessi tal-merkurju li jkopri, u/jew billi jżidu aktar proċessi tal-merkurju flimkien ma' dati ta' eliminazzjoni gradwali u/jew billi jsaħħu r-rekwiżiti tiegħu ta' regolamentazzjoni tal-merkurju għall-proċessi kkonċernati.

(7) L-Anness III tar-Regolament (UE) 2017/852 li jittrasponi l-Anness B tal-Ftehim fid-dritt tal-Unjoni jkopri aktar proċessi tal-merkurju u jistabbilixxi dati ta' eliminazzjoni gradwali għall-proċessi kollha kkonċernati.

(8) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Konferenza tal-Partijiet tal-Ftehim, billi dawn id-Deċiżjonijiet proposti, jekk jiġu approvati, se jkollhom effetti legali peress li l-Partijiet tal-Ftehim ikollhom jieħdu miżuri biex jimplimentawhom fil-livelli nazzjonali u/jew f'dak reġjonali.

(9) L-Unjoni kkontribwiet b'mod sinifikanti fl-iżvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar prodotti miżjudin bil-merkurju u proċessi tal-merkurju u fil-ħidma esperta intersessjonali mnedija bid-Deċiżjoni MC-3/1[20] adottata mill-Konferenza tal-Partijiet tal-Ftehim waqt it-tielet laqgħa tagħha u li wasslet għad-Deċiżjonijiet proposti;

(10) L-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa l-adozzjoni ta' Deċiżjonijiet mill-Konferenza tal-Partijiet għall-Ftehim li jippermettu t-tnaqqis tad-distakk bejn id-dritt tal-Unjoni u l-Ftehim u li jkunu mmirati biex jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim għal prodotti miżjudin bil-merkurju li diġà huma pprojbiti milli jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni, jew huma soġġetti għal żviluppi leġiżlattivi kontinwi mmirati biex tkun stabbilita projbizzjoni simili fil-livell tal-Unjoni, b'konsistenza mal-objettiv tal-Unjoni biex gradwalment jitneħħa l-użu tal-merkurju u l-komposti tal-merkurju meta fattibbli;

(11) L-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa wkoll l-adozzjoni ta' Deċiżjonijiet mill-Konferenza tal-Partijiet għall-Ftehim li jippermettu li jitnaqqas id-distakk bejn id-dritt tal-Unjoni u l-Ftehim billi jiġi żgurat li l-proċessi tal-merkurju diġà indirizzati skont ir-Regolament (UE) 2017/852 isiru soġġetti għal eliminazzjoni gradwali sa dati speċifikati jew għal rekwiżiti aktar stretti li jirregolaw l-użu tal-merkurju.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fir-raba' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Ftehim għandha tkun li tappoġġa (i) l-adozzjoni ta' Deċiżjonijiet li jemendaw l-Annessi A u B tal-Ftehim li jnaqqsu d-distakk bejn id-dritt tal-Unjoni u l-Ftehim u (ii) l-adozzjoni ta' Deċiżjonijiet li jemendaw l-Anness A li japplikaw projbizzjoni globali tal-manifattura u l-kummerċ fuq prodotti miżjudin bil-merkurju li diġà huma jew dalwaqt se jiġu pprojbiti milli jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni u billi jiġu stabbiliti dati ta' eliminazzjoni gradwali jew rekwiżiti aktar stretti għall-proċessi tal-merkurju.

---

[20] Id-Deċiżjoni MC-3/1 *Rieżami tal-annessi A u B*, UNEP/MC/COP3/Diċ. 1, disponibbli minn: http://www.mercuryconvention.org/Meetings/COP3/Decisions/tabid/8654/language/en-US/Default.aspx£

Artikolu 2

L-irfinar tal-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 jista' jiġi maqbul, fid-dawl ta' żviluppi fir-raba' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Ftehim, mir-rappreżentanti tal-Unjoni, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri, matul laqgħat ta' koordinazzjoni fuq il-post, mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President